MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## PETER BORG COSTANZI

Seduta tas-27 ta' Jannar, 2005

Talba Numru. 257/2004

**Maltacom p.l.c. C22334**

**Vs**

**Helen Portelli ID. 81337M**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta' attrici talbet il-hlas tas-somma ta' Lm409.97c (erba' mija u disa' liri Maltin u sebgha u disghin centezmu) rapprezentanti ammont dovut fuq servizzi telefonici bin-numri 21492247 u 21492603.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenuta giet debitament notifikata bl-Avviz, ma kkontestatx il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma dehret ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-atti tal-kawza u sema' lil Dr Ingrid Zammit Young li kkonfermat li l-ammont ghadu dovut;

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta' attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenuta thallas is-somma ta' Lm409.97c (erba' mija u disa' liri Maltin u sebgha u disghin centezmu), bl-imghax kif mitlub. L-ispejjez huma a karigu tal-konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------